**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Rawad Briga Abdesalam sive Abdelsalam sive Abdelsalem**

**Kumpilazzjoni numru 475/2016**

**Illum 5 ta' Dicembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Rawad Briga Abdesalam sive Abdelsalam sive Abdelsalem** detentur tad-dokument tal-Kumissjoni Rifugjati RefCom no. 14005/12 billi huwa akkuzat talli fis-6 t'Awwissu 2016 ghall-habta tat-3am, fi Triq l-Arkata, Paola, flimkien ma persuna/i ohra:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Owen John Carabott, liema offizi jistghu jgibu periklu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem; inkella jekk iggib marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien izzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu – ai termini tal-Artiklu 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli kkommeta serq ta’ flus kontanti, mobile phone tal-marka Samsung Young 2 u xi oggetti ohra, liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-hin, ghad-dannu ta’ Owen John Carabott u/jew ta’ xi persuna/i ohra;
3. U aktar talli, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Owen John Carabott kontra l-volonta’ tieghu, liema persuna arrestata, mizmum jew issekwestrat gie offiz fuq il-persuna tieghu jew mhedded bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta’ hwejjighom;
4. Finalment akkuzat talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi huma definittivi.

**Ikkunsidrat:**

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat tal-ghajnuna legali Dr Martin Fenech li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

**Ikkunsidrat;**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b’referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta’ Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta’ Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u ghamel dikjarazzjoni spontanja u guramentata dwar il-persuna li kienet hemm mieghu dakinnhar tal-incident u li kienet hi li serqet lill-*parte civile* u li hu darab biss lill-persuna u ma serqux, liema dikjarazzjoni se tintuza mill-prosekuzzjoni f'kaz pendenti kontra persuna ohra.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati  tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah piena ta' tmintax-il xahar prigunerija li minnhom ghandhom jitnaqqsu z-zmien li ilu arrestat dwar dan il-kaz.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**